**Ministeru għall-Intern u s-Sigurta'**

**Post ta' Spettur tal-Pulizija fid-Dipartiment tal-Pulizija fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta'**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Il-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Spettur tal-Pulizija, fid-Dipartiment tal-Pulizija, fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sentejn (2) wara t-tkomplija b'suċċess tal-Eżami tal-Kwalifika (ara it-Tieni Parti tal-Proċess tal-Għażla hawn taħt).

2.2 Is-salarju ta' Spettur huwa ta' Skala ta' Salarju 8, li fis-sena 2026 huwa ta' €30,405.02 fis-sena, li jiżdied b'€486.83 fis-sena sa massimu ta' €33,326.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' Spettur titla' fi Skala ta' Salarju 7 (€32,158.00 x €531.17 - €35,345.02 fis-sena 2026) wara sentejn (2) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' Spettur tiġi promossa għall-grad ta' Spettur Anzjan fi Skala 6 (€33,931.02 x €596.33 - €37,509.00 fis-sena 2026) wara erba' (4) snin servizz fil-grad ta' Spettur fi Skala 7, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Minħabba n-natura tax-xogħol, il-post ta' Spettur jattira wkoll allowances kif speċifikat fil-ftehim settorjali tal-Korp tal Pulizija intitolat 'Sectoral Agreement Regulating the Conditions of Service for the Police Force, 2023'.

2.6 (a) Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret lapplikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel iddata tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

(b) Applikanti se jkunu suġġetti għas-Security Clearance u dawk li qed japplikaw minn Korpi Dixxiplinari oħra se jkunu ukoll suġġetti għall-kondotta ta' dmir mill-Korpi Dixxiplinari tagħhom.

2.7 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Spettur tal-Pulizija jinsabu fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. ċittadini ta' Malta;
ii. kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u l-Ingliż sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret lapplikazzjoni;
iii. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS jew ekwivalenti*) fil-Youth and Community Studies jew Social Wellbeing Studies jew Social Policy jew Criminology jew Psychology jew Management jew Accounting jew Economics jew Banking jew Finance jew Legal Studies jew Science jew Social Studies jew IT jew kwalifika professjonali komparabbli. Kwalifika fil-livell 6 tal-MQF f'suġġetti oħra minbarra dawk imsemmija jistgħu jkunu kkunsidrati.
iv. għalqu t-tmintax-il (18) sena iżda mhux id-disgħa u tletin (39) sena sa l-1 ta' Jannar 2027.
v. ta' karattru morali tajjeb. Kull applikant huwa wkoll mitlub sabiex jissottometti dikjarazzjoni bil-miktub rigward proċeduri kriminali u/jew dixxiplinari li ttieħdu kontrih/ha fil-passat u/jew li għadhom pendenti.
vi. applikazzjonijiet minn kandidati li jkollhom fuq il-persuna tagħhom tatwaġġi jiġu regolati mill-policy tat-tattoos tal- Korp tal-Pulizija ta' Malta li tinstab fil-link (https://pulizija.gov.mt/wp-content/uploads/2025/07/POL-TAT.pdf) .
vii. applikazzjonijiet minn kandidati li għandhom body modification u/jew body piercing jiġu kkunisdrati skont il-każ.

*Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċetta biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 taddokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Universita' ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi verifikat mill-MQRIC jew l- Universita' ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS.

**Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.**

4.2 i. Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali **kwalifika** fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

ii. Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar l'isfel).

4.3 Din is-sejħa pubblika qed tiġi ppublikata fl-istess waqt ma' sejħa dipartimentali għall-post ta' Spettur fid-Dipartiment tal-Pulizija kif ippublikata nhar il-Ġimgħa 7 t'Awwissu 2026 permezz taċ-ċirkulari numru HR/MHS/04/2026. Applikanti li jgħaddu taħt is-sejħa dipartimentali jingħataw preċedenza fuq dawk li jgħaddu taħt is-sejħa pubblika. Barra minn hekk, persuna tista' tiġi kkunsidrata għall-ħatra biss jekk ikun hemm vakanza fi żmien tal-validita' tar-riżultat.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

**Proċeduri tal-Għażla**

**L-Ewwel Parti – General Ability Test / Test ta' Effiċjenza Fiżika / Eżami Mediku Preliminari / Intervista / Eżami Mediku**

6.1 (i) l-applikanti ser ikollhom joqgħodu għal General Ability Test (GAT).
Dan il-proċess jikkonsisti f'General Ability Test (GAT) permezz ta' kompjuter, kompletament awtomatizzat, li permezz tiegħu l-applikanti jkunu assessjati fil-ħiliet verbali, numeriċi u astratti, fuq bażi tar-risposti tagħhom għal set ta' mistoqsijiet. Il-kandidati jridu jġibu marka ta' 50% biex jgħaddu mit test. Il-General Ability Test (GAT) ikun immexxi mid-Direttur tal- Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Il-GAT isir f'data waħda biss u f'kazi eċċezzjonali d-deċizjoni hija tal-Bord tal-Ezamijiet Pubbliċi Lokali.

(ii) Il-livell ta' prestazzjoni fit-test dwar l-abbiltà ġenerali jkun rifless b'mod proporzjonat fil-marki assenjati għall intervista. Ikun assenjat kriterju speċifiku għal dan il-għan.

(iii) Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jiddeċiedi x'għandu jsir minnufih dwar kandidati li, waqt il-proċess tat-test tal-abbiltà ġenerali, jinstabu ħatja ta' xi nuqqas jew ksur tal-istruzzjonijiet li jkunu tqassmu lill-kandidati.

(iv) Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar it-test dwar l-abbiltà ġenerali jekk tinsab xi irregolarità dwar dan it-test. Tħassir bħal dan jista' jkun tat-test kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar stadju partikolari tat-test. Azzjoni fir-rigward ta' xi irregolarità/imġiba mhux xierqa waqt l-intervista tittieħed mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fuq rakkommandazzjoni tal-bord tal-għażla li jkun qiegħed iwwettaq lintervisti.

(v) Id-Direttur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tat-test tal-abbiltà ġenerali, li jiġi esibit fuq in-notice board tal Edu Servizz.gov (One-Stop-Shop), Ministeru għall- Edukazzjoni, Il-Furjana, u dik taċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Ir- Rabat, Għawdex.

(vi) Avviżi dwar il-ħruġ tar-riżultat tat-test tal-abbiltà ġenerali jkunu maħruġa:
(a) fuq is-sit elettroniku tad- Dipartiment tal-Eżamijiet li jista' jiġi aċċessat minn (https:// myexams.gov.mt); u
(b) permezz ta' SMS lill-kandidati li jissottomettu numru tal-telefown ċellulari validu ma l-applikazzjoni tagħhom. Id-Direttur tal-Eżamijiet jibgħat ukoll ir-riżultat individwali u l-ordni ta' klassifikazzjoni tat-test tal-abbiltà ġenerali permezz ta' ittra elettronika lillkandidati kollha li joqogħdu għall-eżami.

(vii) Minħabba li t-test tal-abbiltà ġenerali huwa kompletament awtomatizzat, petizzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rigward l-intervista biss. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bl-ebda mod ma tidħol fil-mertu tal-marki miksuba fit-test tal-abbiltà ġenerali.

(viii) Il-Perjodu ta' validita' tal-GAT huwa ta' sentejn (2) minn meta joħroġ ir-rizultat ta' dan it-test.

6.2 Wara li l-kandidati jgħaddu mill-General Ability Test (GAT) ikunu jridu jagħmlu Medical Test biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post. Meta l-kandidati jgħaddu mill-Medical Test, huma jagħmlu t-test ta' Effiċjenza Fiżika, taħt Bord tal-Għażla maħtur mill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skont l-istandards tal-Korp tal-Pulizija skont Anness B li tinstab ma' din iċ-Ċirkulari.

6.3 Wara t-Test ta' Effiċjenża Fiżika, il-kandidati jeħtieġu li jagħmlu interview strutturat. L-intervista tkun immexxija minn bord ta' selezzjoni stabbilit mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Waqt l-intervista lkandidati, jiġu mitluba jagħtu **preżentazzjoni ta' ħames (5) minuti** dwar suġġett tal-għażla tagħhom. Huwa permessibli li jintuża kwalunkwe mezz sabiex jassisti il-kandidat waqt il-preżentazzjoni tiegħu, bħal pereżempju 'Power Point Presentation'.

6.4 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

6.5 Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jtemm fi kwalunke ħin il-proċess ta' Spettur prospettiv fuq progress mhux suffiċjenti, nuqqas ta' mġieba korretta, attitudni ħażina jew fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

**It-Tieni Parti – Eżami ta' Kwal**ifika

7.1 Applikanti li jgħaddu mill-Ewwel Parti tal-proċess tal-għażla jkunu meħtieġa li jattendu lectures (part-time) organiżżati mill-Akkademja tal-Pulizija tal-Forzi Dixxiplinati filgħaxija, bi tħejjija għall-Eżami tal-Kwalifika. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija ta 50%.

7.2 Il-Kors għandu jikkonsisti f'suġġetti teoretiċi u prattiċi relatati mad-dmirijiet ġeneriċi tal-ispettur tal-Pulizija fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Il-kors jista' jinkludi perjodu full-time ta' mentoring. F'dan il-perjodu, kandidati esterni jkunu mħallsa fi Skala 16 Step 1 li hija Eur 17,701.00.

7.3 Minbarra lectures mandatorji, sabiex jarrikkixxu l-profil, tal-kompetenza tal-Ispetturi tal-Pulizija, se jkun hemm suġġetti/workshops kumplimentari bħala studju addizzjonali, li wieħed irid jattendi u joqgħħod għal valutazzjoni fejn hu xieraq. Suġġetti kumplimentari jsiru nhar is-Sibt (nofs ta' nhar). Dawn jiġu vvalutati u riveduti b'mod indipendenti.

7.4 L-applikanti għandhom jirrispettaw il-ħin kollu l-istruzzjonijiet u r-regolamenti kif mogħtija mill-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati matul it-taħriġ tagħhom.

7.5 L-applikanti kollha għandhom jattendu għall-lectures l-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinari b'ilbies smart casual.

7.6 Il-kandidati li jiġu ddikjarati li rnexxew fl-Eżami ta' Kwalifika jkunu eliġibbli biex jinħatru Spetturi tal-Pulizija bi prova għal perjodu ta' sentejn, skont in-numru ta' postijiet vakanti disponibbli.

7.7 Għall-iskop tal-ħatra, l-ordni finali tal-mertu tkun iddeterminata mill-marki totali miksuba fl-eżami ta' kwalifikazzjoni (para 7.1)

7.8 Il-proċess għar-reviżjoni tal-karta/resit se jkun skont ir-regolamenti tal-Kors ippubblikati mill-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati. Dawk li jgħaddu mir-resit jingħataw marka ta' 50% u jitpoġġew f'ordni ta' mertu wara dawk ilkandidati li għaddew mill-eżamijiet kollha fl-ewwel tentattiv tagħhom.

**It-Tielet Parti - Ezami ta' Konferma**

8.1 Barra milli jingħataw dmirijiet normali tal-pulizija konnessi mal-grad tagħhom, l-Ispetturi maħtura bi prova, jinħtież ukoll li jattendu lectures f'suġġetti relatati mal-pulizija u materji legali inklużi fil-kors part-time organizzat mill-Universita' ta' Malta li jwassal għal Diploma in Policing. L-eżami finali ta' din id-Diploma jikkostitwixxi t-Tielet Parti – Eżami ta' Konferma – ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.2 Spetturi bi prova li ma jgħaddux fl-Eżami ta' Konferma msemmi fil-paragrafu 8.1, jingħataw opportunita' oħra biex jerġgħu joqgħodu għall-eżami finali tal-kors tad-Diploma. Jekk jerġgħu jeħlu, in-nomina tagħhom bħala Spetturi tal-Pulizija bi prova tiġi mitmuma ipso facto.

8.3 Spetturi bi Prova li jgħaddu mit-Tielet Parti – Eżami ta' Konferma, jiġu kkonfermati fil-ħatra tagħhom bħal Spetturi tal-Pulizija.

8.4 Spetturi huma mistennija li jservu lill-Gvern ta' Malta għall-perjodu ta' erba' (4) snin u jkunu mitluba li jagħmlu kuntratt fejn jintrabtu li jagħtu garanzija ta' twettiq ta' servizz.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

9.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Intern u s-Sigurta', permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn biss f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa 21 t'Awwissu 2026. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

9.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

9.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

9.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

8. **Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:**

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- applikazzjonijiet laterali;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
- kwalifiki f'livell ogħla;
- livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
- rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta’ dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-
indirizz https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf jew jinkisbu mis-Sezzjoni taar-Riżorsi Umani, Dipartiment tal-Pulizija. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment pulizija.gov.mt u hr.police@gov.mt